# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.2

**Kap 2: Ta' madwari**

**Lezzjoni 8.2: Salvani**



**L-Għanijiet:**

Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jisimgħu stejjer differenti u ser jissuġġerixxu soluzzjonijiet varji għal stejjer differenti ta' kif jistgħu jgħixu aktar ferħanin f'mumenti diffiċli.
2. jaraw kif fil-ħajja kollha kemm aħna rridu nbatu kultant biex ingawdu.
3. iżommu f'moħħhom li fil-ħajja qatt m'għandhom jaqtgħu qalbhom.
4. jisimgħu l-miraklu tat-tempesta u kif Ġesù għenhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Kristu jwaqqaf it-tempesta: https://www.youtube.com/watch?v=slbJlwja7Gg
- Karta vojta għal kull grupp
- Powerpoint 8.2 - Meta mhux kollox sabiħ
- Karti ta' taħriġ 8.2



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Ibda billi taħdem xogħol fi gruppi:
  Qassam karta vojta lil kull grupp. Staqsihom sabiex jiktbu l-kelma KURAĠĠ fin-nofs tal-karta u fi gruppi żgħar huma jridu jiddiskutu u jiktbu dak kollu li għalihom huwa relatat ma' kuraġġ. Spjega li wara ser jaqsmu dak li kitbu ma' sħabhom tal-klassi.

- Imbagħad, l-istudenti jaqsmu dak li kitbu ma' sħabhom. Waqt/Wara li kull grupp jippreżenta dak li jkunu kitbu fil-grupp tagħhom ma' sħabhom, involvi lill-bqija tal-klassi li jkunu qed jisimgħu/jaraw sabiex jgħidu liema jħossu li huma l-aktar affarijiet/punti li jaqblu magħhom.



- Staqsi lit-tfal, "Meta jkollna bżonn il-kuraġġ?"

- Malli t-tfal jagħtu r-risposta, spjega li llum ser naraw x'irid li nagħmlu Ġesù meta f'ħajjitna mhux kollox imur sew.

## Nisimgħu flimkien (Il-qofol tal-lezzjoni)

1. Staqsi: "Meta tkunu qed tibżgħu, tinkwetaw jew tkunu mdejqin, x'tagħmlu?" "Min jgħinkom u jagħmlilkom kuraġġ?"



2. Niżżel il-punti fuq il-bord. Naraw li apparti n-nies ta' madwarna, Ġesù wkoll qiegħed dejjem hemm biex jgħinna u jagħmlilna kuraġġ. Spjega lit-tfal illi Ġesù darba rrakkuntalna storja biex jurina illi meta nisimgħu minnu u nkunu lesti li nbatu aħna ngħixu aktar kuntenti.

3. Uri l-powerpoint: *Storja A: Wara staqsi u ddiskutu:*
   - Samwel għandu raġun ikun irrabjat?
   - Għaliex?
   - X'jista' jagħmel darb'oħra biex ma jerġax jiġrilu l-istess?
   - Nistgħu nkunu ferħanin mingħajr qatt ma inbatu?

4. Uri Storja B: Wara staqsi u ddiskutu:

- Meta tkun ma' missierha jew ma' ommha Tanja xorta toħroġ, tilgħab u tqatta' l-ħin magħhom.
- Niddiskutu kif minkejja li l-ġenituri separati hi xorta tista' tkun kuntenta billi tapprezza kull mument sabiħ ta' meta tkun magħhom u dak li jagħmlu għaliha.

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.2, aqra s-silta mogħtija u bħala klassi ddiskutu l-Attività 1 ħalli kulħadd jasal biex jagħżel il-kliem.
6. Aqra l-istorja tat-tempesta kkalmata. Tista' turihom l-vidjow fejn Kristu qiegħed iwaaqaf it-tempest. Aħdem Attività 2 u wara għin lit-tfal jagħżlu l-kelma t-tajba. Iddiskuti Attività 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li nifirħu b'li għandna u mhux dejjem irridu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Huwa parti mill-ħajja li kultant irridu nbatu biex wara nkunu ferħanin.
- Hemm ħafna lejn min induru f'mumenti diffiċli.
- Biex nirnexxu ma rridu naqtgħu qalbna qatt.
- Ġesù kien rieqed fid-dgħajsa meta qam maltemp kbir.
- L-appostli qajmu lil Ġesù għax kienu qed jibżgħu ħafna.
- Ġesù qam u sikket il-baħar u kollox reġa' kkalma.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li lesti li jaħdmu biex ikunu kuntenti u jifhmu li biex ikunu ferħanin huma xorta jridu jgħaddu minn mumenti fejn ibatu.
- It-tfal isibu l-kuraġġ fil-ħajja tagħhom mingħand Ġesù li qiegħed għalihom dejjem.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Żifna u kant:

L-ewwel darba t-tfal ser jisimgħu u jkantaw mad-diska 'Do not give up'. Huma ser ikunu jistgħu jkantaw peress li ser tidher il-lirika fuq il-vidjow stess u r-ritmu u l-lirika hi faċli għat-tfal sabiex jidrawha malajr.

Semma' d-diska t-tieni darba, iżda din id-darba huma ser jkunu jistgħu jiżfnu/jagħmlu l-movimenti l-istess bħal mara tal-vidjow.



## Nitolbu



Grazzi, Mulej, talli dejjem lest li tismagħna, mhux biss meta nkunu ferħanin iżda anki meta nkunu mdejqin jew mbeżża'. Mulej għin lil kull min hu mdejjaq u qed jaqta' qalbu sabiex jiftakru li hemm int għalihom u għalhekk ma jħossuhomx weħidhom. Grazzi, Mulej.